**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 471**

**It-Tnejn 16 ta' Jannar, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Domenic Agius – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Agius (Is-Sway) – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

**471.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

471.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**471.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

471.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 470.4.9 u minflok il-kliem 'dwar ir-rapport tal-Awditur Ġenerali' jidħlu l-kliem 'rigward il-punti mqajma mill-Awditur Ġenerali dwar l-operat tal-Kunsilli Lokali.'

471.2.2 Is-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa fis-6.15 ta' filgħaxija.

471.2.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 470.8.1 u minflok il-kliem 'Joseph Buttigieg' jidħol il-kliem 'Brian Spiteri'.

471.2.4 Il-minuti tal-470 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**471.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

471.3.1 Is-Sindku qal illi kienet qed issir pressjoni fuq il-kuntrattur responsabbli mill-proġett ta' titjib Ġnien il-Kunsill sabiex jitlesta l-proġett fl-iqsar żmien possibbli.

471.3.2 Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jiġi ffirmat il-kuntratt mal-MEPA sabiex tingħata għajnuna finanzjarja ta' €32,573.05 mill-*Urban Improvement Fund* biex isir xogħol ta' titjib fil-latrini pubbliċi li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

471.3.3 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienux twaħlu l-istrutturi kollha fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien għad jonqos jitwaħlu l-bankijiet tal-injam.

471.3.4 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa fejn ser issir l-irħama kommemorattiva tal-ftuħ uffiċjali ta' Ġnien il-Kunsill tas-sena 1997. Is-Sindku qal illi kienet ser titwaħħal f'nofs tal-ġnien fil-viċinanzi tal-funtana.

471.3.5 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Sur Jorge Grech, student tal-MCAST, ġiet diskussa l-possibilità li tiġi restawrata l-Mina ta' Hompesch matul is-sena skolastika Ottubru 2017 – Mejju 2018.

471.3.6 Is-Sindku qal illi kull sena jsir proġett ta' restawr mill-istudenti tal-aħħar sena li jkunu qed jattendu l-MCAST. Is-Sindku qal ukoll illi f'każ li l-Kunsill jaqbel

mal-prinċipju li tiġi restawrata l-Mina ta' Hompesch mill-istudenti tal-MCAST, il-ħlas għall-kiri ta' makkinarju u apparat li jrid jintuża, irid isir mill-Kunsill peress illi l-MCAST m'għandhomx makkinarju u apparat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jinbdew id-diskussjonijiet mal-Perit Claude Borg, il-*lecturer* responsabbli mill-proġett tar-restawr tal-istudenti tal-MCAST, u tiġi diskussa l-possibiltà li tiġi restawrata l-Mina ta' Hompesch.

471.3.7 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex il-Kunsill jikkonsulta mal-Grupp tal-Armar qabel ma jinbeda x-xogħol ta' restawr mal-Mina ta' Hompesch.

471.3.8 Is-Sindku qal illi kien inbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni ta' bankina ġdida fi Triq Wied il-Għajn.

471.3.9 Is-Sindku qal illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadda fil-kont tal-Kunsill l-ammont ta' €10,000 minħabba l-ħtiġijiet partikolari tal-lokalita` bħala belt, kif kien imħabbar permezz ta' ċirkulari numru 43/2016.

471.3.10 Is-Sindku qal illi kien għad ma kellux informazzjoni dwar meta kien ser jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent. Is-Sur Joseph Buttigieg talab illi jinqalgħu t-tabelli li twaħlu fi Triq Hompesch, fil-viċinanzi tal-Istitut Dar Sagra Familja, peress illi kienu ta' periklu u kienu qed jingombraw il-bankina.

**471.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

471.4.1 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk iż-żieda mħabbra mill-Gvern Ċentrali dwar l-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali kinitx inkluża fl-allokazzjoni mgħoddija lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ammont ta' €899,960.86 kien jinkludi ż-żieda mħabbra fl-allokazzjoni u li minn dan l-ammont trid titnaqqas l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

471.4.2 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx saret spezzjoni mis-*surveyor* ta' Transport Malta sabiex tkun tista' issir iz-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

471.4.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx talab kjarifika lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-Ħatra tad-Deputat Segretarju. Is-Sindku qal illi bħalissa il-proċess għall-ħatra tad-Deputat Segretarju kien wieqaf sakemm jiġu ċċarati xi punti.

471.4.4 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm hi l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2017 tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Is-Segretarju Eżukuttiv qal li l-allokazzjoni għall-Kumitat Amministrattiv St Peter għad trid tkun magħrufa.

471.4.5 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jinxtraw il-kotba għal-librerija tal-iskola. Is-Sur Buttigieg qal li l-ispiża tal-kotba li nxtraw fl-aħħar tas-sena 2016

għandha tiġi nkluża mal-ispiża tas-sena finanzjarja 2016 peress illi x-xiri ta' kotba kienet ġiet approvata mill-Kunsill fis-sena preċedenti. L-għajnuna finanzjarja annwali li jista' jagħti l-Kunsill lill-iskejjel m'għandix taqbeż is-somma ta' €200 fis-sena.

471.4.6 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi matul is-sena 2016, is-Surmast tal-iskola kien xtara l-kotba għal-librerija u dawn kienu tħalsu mill-fondi tal-iskola liema spiża kollha tiġi mħalsa mill-Kunsill .

471.4.7 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx sar *refresh* tas-sinjali tat-traffiku kif ukoll jekk sarux sinjali ġodda fl-*area* tal-Ħofra. Is-Sindku qal illi s-sinjali tat-traffiku saru mill-Kunsill u s-sinjali l-ġodda saru fuq talba tal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura.

471.4.8 Is-Sinjura Anna Calleja talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex terġa' tiġi organizzata kompetizzjoni għall-isbaħ u l-itjeb tliet figolli għall-festa tal-Għid. Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata din il-kompetizzjoni u tingħata tifkira ta' parteċipazzjoni lill-parteċipanti.

471.4.9 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kien ġie rrapurtat illi Triq iċ-Ċimiterju kienet ingħalqet b'makkinarju mingħajr il-permess tal-Kunsill u l-preżenza tal-gwardjan lokali. Is-Sinjura Calleja qalet illi mpjegata tal-Kunsill kienet infurmata illi dan il-każ ġie rrapurtat l-għassa, iżda meta reġgħet ċemplet l-għassa tal-Pulizija ma kinitx ingħatat *feedback* peress illi kien inbidel is-*shift.*

471.4.10 Is-Sur Joseph Bonnici talab li jiġu rranġati l-marki tal-karreġġata li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch peress illi s-sinjali l-antiki reġgħu nkixfu fuq wiċċ it-triq. Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex issir talba lill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex jiġu rranġati l-marki tal-karreġġata li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

471.4.11 Is-Sur Joseph Bonnici reġa' qal illi l-*bus shelter* ta' Triq il-Mina ta' Hompesch li hemm fil-viċinanzi tal-*Scotts Supermarket* kien għadu ma jixgħelx. Is-Sur Bonnici talab sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni ma' Transport Malta sabiex jiġi rranġat id-dawl ta' dan il-*bus shelter.*

471.4.12 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jiġi rranġat Sqaq il-Knisja u Sqaq Nofsinhar peress illi fihom kien hemm ħafna ħofor.

471.4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur Natalino Attard kien inħatar Direttur Ġenerali fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li l-pożizzjoni tad-Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali issa saret Direttur għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport.

471.4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsillieri dwar il-laqgħa li ser issir bejn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u s-Sindku u l-Kunsillieri nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar fis-7.00 ta' filgħaxija fil-Bini tal-Kunsill.

471.4.15 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kumpanija *Wasteserv* kienet talbet lill-Kunsill ibiddel ir-reċipjent għar-rimi tal-ħġieġ li hemm fi Triq tal-Labour peress illi dan kien tkisser. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħlas mitlub lill-Kunsill għat-tibdil tar-reċipjent jammonta għal €295 VAT inkluż.

471.4.16 Il-Viċi-Sindku qal illi huwa ma jaqbilx li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż tal-*bring in sites* imkissra.

471.4.17 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-passat il-Kunsill kien iddeċieda li jneħħi l-*bring in sites* li hemm f'Ħaż-Żabbar u ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jitlob lill-kumpanija *Wasteserv* tagħmel *CCTV cameras* madwar il-*bring in sites* mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill.

471.4.18 Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk l-arblu tal-bandiera li kien hemm f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kienx ser ikun lest sa Jum Ħaż-Żabbar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ix-xogħol kellu jitlesta sa dakinhar.

471.4.19 Dwar il-polza ta' assikurazzjoni tal-flus fil-Kunsilli Lokali, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), qabel unanimament li jġedded din il-polza għall-ħlas ta' €63.00 pagabbli lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

471.4.20 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament ukoll li jġedded il-*Group Health Policy* tal-impjegati kollha tal-Kunsill kif ukoll tal-Kunsillieri għall-perjodu ta' sena għall-ħlas ta' €45.00 għal kull persuna.

471.4.21 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kwotazzjoni għall-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill ZLCQT 4/2015 li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Island Insurance Brokers* ser jiskadi. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded din il-polza għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

471.4.22 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsillieri humiex assigurati f'każ li ssir vendikazzjoni lilhom u li tkun relatata max-xogħol tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ser jerġa' jibgħat kopja tal-*policy* u ta' dak kollu li hu kopert lil kull membru tal-Kunsill.

**471.5 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

471.5.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sindku.

**471.6 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2017**

471.6.1 Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika tal-Kunsill li saret nhar il-Ħamis 5 ta' Jannar, 2017.

471.6.2 Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-7.00 ta' filgħaxija.

471.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2017. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

**471.7 Approvazzjoni ta' Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart**

471.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Ottubru - Diċembru 2016. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway).

**471.8 Deċiżjoni dwar il-kuntratti :**

- **Offerti għas-servizz ta'** ***Accountant*** **(ZLC 1/2015)**

471.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' *Accountant* (ZLC 1/2015) li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Parker Randall Turner* ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt.

471.8.2 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt għas-servizz ta' *Accountant* (ZLC 1/2015) li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Parker Randall Turner* għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

471.8.3 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament ukoll li tintbgħat ittra lill-kumpanija *Parker Randall Turner* dwar nuqqasijiet, speċjalment dwar il-punti mqajma fir-rapport tal-Awditur Ġenerali.

- **Tindif u Żamma tas-*Soft Areas* u *Roundabouts* (ZLC 9/2015)**

471.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' *Soft Areas u Roundabouts* (ZLC 9/2015) li l-Kunsill għandu mal-kumpanija

*Environmental Landscapes Consortium Ltd* ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt.

471.8.5 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għas-servizz ta' *Soft Areas u Roundabouts* (ZLC 9/2015) li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd* għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

471.8.6 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament ukoll li ssir laqgħa mal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd,* il-kumpanija responsabbli mix-xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ ta' *soft areas* f'Ħaż-Żabbar, minħabba manutenzjoni li hemm fis-*soft areas* speċjalment fil-*Housing Estate*.

**471.9 *Fixed Asset Register – Write Off***

471.9.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu *written off* dawn l-*items* : *Playing Field* - Ġnien il-Kunsill (LCZ00699 u LCZ00177), *Playing Field* - Ġnien Tamara Psaila (LCZ00697, LCZ00701, LCZ00702, LCZ00703, LCZ00704, LCZ00705, LCZ00706, LCZ00707, LCZ00709) u taż-żewġ bandli għal nies b'diżabilità (LCZ00733 u LCZ00734), kif ukoll tas-*CCTV cameras* (LCZ00698) li kien hemm fil-*Playing Field* - Ġnien il-Mistrieħ fiż-żona ta' St Peter.

471.9.2 Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Piju Cutajar dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Ġużepp, fejn intalab kumpens ta' €105 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

471.9.3 Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Johann Desira dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Ġużepp, fejn talab kumpens ta' €300 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

471.9.4 Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Darren Darmanin dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Kunvent, fejn talab kumpens ta' €60 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur ~~Brian Spiteri~~ Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. (Emendat)

471.9.5 Rigward l-ilment li sar mis-Sinjorina Valvo dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Ħaż-Żabbar, fejn talbet kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha meta kienet għaddeja bil-vettura tagħha minn Triq Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill, fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident.

471.9.6 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet min hu responsabbli għall-ħsarat fil-vetturi fit-toroq li qatt ma ġew asfaltati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skont Transport Malta r-responsabbiltà hija tal-individwi li jkunu joqgħodu f'dik it-triq peress illi dawn huma obbligati li jħallu t-triq fi stat tajjeb wara li jkunu bnew u fetħu nofs it-triq.

471.9.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qara korrispondenza dwar proposta ta' ġemellaġġ mal-Comune Di Vignanello.

471.9.8 Is-Sur Joseph Bonnici qal illi jekk kemm-il darba jsir ġemellaġġ mal-Comune Di Vignanello, il-Kunsill għandu jikkunsidra li jwaqqaf il-ġemellaġġ li għandu mal-Comune Di Villabate.

471.9.9 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jibdew diskussjonijiet mal-Comune Di Vignanello.

471.9.10 Fis-7.25 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li jkun skużat.

471.9.11 Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri ammont ta' siġar u fjuri għal Ġnien il-Kunsill mingħand il-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd* liema spiża għandha tkun ta' €1,152.45 (Vat inkluż).

**471.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

471.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill, l-iskeda tal-ħlas għall-perjodu 19 ta' Diċembru, 2016 sas-16 ta' Jannar, 2017 li kien jammonta għal €25,109.85. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

471.10.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Diċembru li kien jammonta għal €134.08.

**471.11 Jum Ħaż-Żabbar**

471.11.1 Is-Sur Joseph Vella ressaq quddiem il-Kunsill il-programm għal Jum Ħaż-Żabbar li din is-sena ser jiġi ċċelebrat fil-31 ta' Jannar. Fuq proposta tas-Sur Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament mal-

programm propost għal dan il-Jum li ser ikun jikkonsisti fl-inawgurazzjoni tal-Proġett ta' tisbiħ fi Ġnien il-Kunsill mill-Onorevoli Dr Joseph Muscat, Prim Ministru, quddiesa fil-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u Serata Mużiko-Letterarja fis-Sala Notre Dame.

471.11.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li minħabba problemi ta' loġistika, is-Serata Mużiko-Letterarja tiġi organizzata fis-Sala Notre Dame minflok fi Ġnien il-Kunsill kif kien oriġinarjament maħsub.

471.11.3 Is-Sur John J Pace tkellem dwar ir-riżultati tal-kompetizzjoni għall-isbaħ tiżjin fil-Milied u l-aħjar presepju, u ssuġġerixxa li t-trofew lir-rebbieħa ta' dawn il-kompetizzjonijiet kif ukoll il-*mementos* lill-membri tal-ġurija jingħataw fis-Serata Mużiko-Letterarja f' Jum Ħaż-Żabbar. Wara diskussjoni li saret fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-premjazzjonijiet jingħataw fil-21 ta' Marzu, 2017 matul l-attività Merħba lill-Istaġuni.

471.11.4 Is-Sur John J Pace qal illi fil-paġna tal-*facebook* tal-Kunsill hemm ir-ritratti relatati ma' dawn il-kompetizzjonijiet.

471.11.5 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kien irċieva dwar talba sabiex issir żebgħa safra mal-garaxx numru 20 fi Triq l-Għadiba peress illi l-vetturi kienu qed jipparkjaw qrib il-bieb tal-garaxx u joħolqu inkonvenjent għal sid il-garaxx.

471.11.6 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi r-*reflectors* li hemm fuq l-istatwa ta' San Ġużepp u fuq il-barbier fi Triq is-Santwarju u li jagħtu d-dawl għal fuq il-knisja kienu maqtugħa.

471.11.7 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien ser jorganizza attività għall-anzjani fit-23 ta' Frar, 2017.

## 471.12 Mozzjonijiet

471.12.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 471.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

471.13.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 13 ta' Frar, 2017.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-472 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Frar, 2017.

**IFFIRMATA**

Marc Vella Bonnici
Sindku